# JUNIOR LYCEUM ANNUAL EXAMINATIONS - 2000

EDUCATIONAL ASSESSMENT UNIT - EDUCATION DIVISION

FORM 1 | RELIGION | Time 1½ hours

Name:________________________________ Class:_________

## A. Wieġeb fil-qosor.

1. Min joffri lilu nnifsu biex ikun il-gwida ta' ħajjitna?

______________________________________________________________

2. F'liema belt kien jinsab it-tempju tal-Lhud?

______________________________________________________________

3. Xi nsejħulu l-pajjiż li fih twieled u għex Ġesù ?

______________________________________________________________

4. Xi ġrajja seħħet fuq il-muntanja Tabor?

______________________________________________________________

5. Min kien l-imperatur Ruman meta Ġesù beda jwettaq il-ħidma tiegħu?

______________________________________________________________

6. Min kienu l-Fariżej?

______________________________________________________________

7. Min kien Iżaija?

______________________________________________________________

8. X'kienet il-missjoni tal-profeti?

______________________________________________________________

9. Min kien l-akbar profeta tat-Testment il-Ġdid?

______________________________________________________________

10. Xi jfisser l-isem ' Ġesù '?

______________________________________________________________

(20 marka)

## B. Qabbel il-kolonna A mal-kolonna B.

| A | B |
|---|---|
| 1 Ir-reliġjon ta' Malta hija r-reliġjon | ☐ l-ogħla u l-aqwa għalliem |
| 2 David kien is-sultan li ġab | ☐ nsibu l-Galilea |
| 3 Id-dnub iġib il-firda minn Alla u | ☐ kienu sajjieda |
| 4 Bil-mirakli, Ġesù ried juri bil-fatti | ☐ Meta l-anġlu ħabbar lil Marija. |
| 5 Ġesù jiltaqa magħna | ☐ minn xulxin |
| 6 Il-Kotba kollha tal-Bibbja | ☐ Fil-Magħmudija |
| 7 L-ewwel dixxipli ta' Ġesù | ☐ huma kotba ta' tagħlim |
| 8 Fin-naħa ta' fuq tal-Palestina, fi żmien Ġesù | ☐ l-għaqda u l-paċi f'Israel |
| 9 Ġesù huwa | ☐ Kattolika, Appostolika Rumana |
| 10 Il-wegħda tal-Profeta Natan seħħet | ☐ fiex kienet tikkonsisti s-Saltna ta' Alla |

(10 marki)

## C. Imla din it-Tislima

1. Dan hu l-post fejn kien joqgħod Lażżru flimkien ma' ħutu.
2. Dan kien grupp ta' nies li kienu jiffurmaw il-partit tas-sinjuri u tan-nobbli fi żmien Ġesù .
3. Wieħed mill-erba' evanġelisti.
4. Hekk kienet tissejjaħ in-naħa t'isfel tal-Palestina.
5. Dan ħa t-tmexxija tal-poplu lhudi f'idejh wara l-mewt ta' Mosè.
6. Dan kien missier il-poplu Lhudi.
7. Hawn Ġesù mar jitlob wara l-aħħar Ċena.
8. Bihom Ġesù kien ifejjaq.




(8 marki)

D. Aqra din is-silta u wieġeb il-mistoqsijiet li ssib warajha.

## Il-Bidwi li Ħareġ Jiżra.

"Isimgħu. Darba kien hemm bidwi u ħareġ jiżra'. Ġara li, huwa u jiżra', xi żerrigħat waqgħu fil-mogħdija; ġew l-għasafar u naqqruhom kollha.

Oħrajn waqgħu f'art kollha blat, fejn ma kienx hemm wisq ħamrija, u malajr nibtu, għax il-ħamrija ma kienetx fonda; meta mbagħad telgħet ix-xemx, inħarqu u nixfu, billi ma kellhomx għeruq.

Oħrajn waqgħu qalb ix-xewk, u x-xewk kiber u ħanaqhom u frott ma għamlux.

Oħrajn waqgħu f'art tajba u għamlu l-frott; frott li kiber u tkattar, u min għamel tletin, min sittin u min mija.

Mistoqsijiet:

1. Min taħseb li hu l-bidwi f'din il-parabbola?

______________________________

2. Fil-parabbola, xi tfisser iż-żerriegħa?

______________________________

3. Xi ġralhom iż-żerrigħat li waqgħu fil-mogħdija?

______________________________

4. Għaliex dawk iż-żerrigħat li waqgħu fuq il-blat bi ftit ħamrija ma kibrux?

______________________________

5. F'din il-parabbola xi tfisser l-art li ħareġ jiżra' fiha l-bidwi?

______________________________

6. Iż-żerriegħa li waqgħet f'art tajba għamlet ħafna frott. X'ried ifisser bihom dawn il-kelmiet, Ġesù ?

______________________________

______________________________

______________________________

______________________________

(20 marka)

## E. Ikteb xi ħaġa fil-qosor dwar dawn il-festi tal-Lhud.

1. Il-Festa tal-Għid.

______________________________

______________________________

______________________________

2. Il-Festa tal-Ġimgħat jew Għid il-Ħamsin.

______________________________

______________________________

______________________________

3. Il-Festa tat-Tined jew l-Għarajjex.

______________________________

______________________________

______________________________

(12-il marka)

## F. Agħżel TNEJN minn dawn is-suġġetti u ikteb paragrafu ta' madwar 100 kelma fuq kull suġġett li tagħżel. ( Mitejn kelma b'kollox.)

1. Is-sultan David.
2. Il-Profeti.
3. Miraklu li wettaq Ġesù.
4. Il-Ġrajja ta' Ġesù u d-Dixxipli ta' Għemmaws.

______________________________

______________________________

______________________________

______________________________

______________________________

______________________________

______________________________

______________________________

______________________________

______________________________ Jekk baqagħlek x'tikteb itlob karta

(30 marka)